



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.4.2016
COM(2016) 234 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Lejn Ħajja b'Dinjità: minn dipendenza fuq l-għajnuna għal ħajja indipendenti

L-Ispustar bil-forza u l-Iżvilupp
{SWD(2016) 142 final}

1. INTRODUZZJONI

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa dak li jiġi ppreżentat qafas ta' politika biex l-ispustament bil-forza ma jdumx aktar milli jmissu u biex ftit ftit tintemm id-dipendenza fuq l-assistenza umanitarja f'sitwazzjonijiet ta' spustament preżenti billi tiġi inkoraġġita l-awtofiduċja u biex dawk spustati jingħataw il-possibbiltà li jgħixu f'dinjità bħala kontributori fis-soċjetajiet li jospitawhom, sakemm jirritornaw b'mod volontarju jew jiġu risistemati.

L-Unjoni Ewropea, bħala attur globali attiv kif ukoll wieħed mid-donaturi ewlenin ta' għajnuna umanitarja u ta' żvilupp, hija impenjata li tagħti assistenza lil nies fil-bżonn madwar id-dinja. Hija tagħmel dan kemm f'mument ta' kriżi kif ukoll biex tmexxi 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi għat-tul. Meta wieħed iqis is-serjetà tal-kriżi ta' **refuġjati u ta' migrazzjoni** preżenti, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat approċċ komprensiv u ħolistiku fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tagħha¹. L-Aġenda ssejjaħ għal "**riflessjoni strateġika**" dwar kif għandu jiġi **mmassimizzat l-impatt tas-sostenn umanitarju u ta' żvilupp tal-UE sabiex taffronta l-estensjoni, il-muturi multidimensjonali u l-impatt tal-ispustament bil-forza fil-livell lokali.**

Globalment, aktar minn 60 miljun persuna — refuġjati u persuni spustati internament (*internally displaced persons* - IDPs) — jinsabu spustati bil-forza minħabba kunflitti, vjolenza u vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem². Dan huwa **l-ogħla livell ta' spustament bil-forza mit-Tieni Gwerra Dinjija lil hawn**. Il-ħames l-akbar spustamenti ta' refuġjati — mis-Sirja, l-Afganistan, is-Somalja, is-Sudan u s-Sudan ta' Isfel — kollha issa twalu żzejjed³, b'ħafna persuni mill-Afganistan li ilhom spustati għal aktar minn tletin sena. Dan it-tul huwa aggravat mill-fatt li fl-2014 kien hemm l-anqas numru ta' ripatrijazzjonijiet volontarji ta' refuġjati fi tletin sena⁴. Tlieta mill-ħames l-akbar spustamenti interni wkoll twalu aktar milli jmisshom — is-Sirja, il-Kolombja u s-Sudan. Il-kriżi tas-Sirja waħedha, li issa dieħla fis-sitt sena tagħha, ipproduċiet 4.7 miljun refuġjat u 6.5 miljun IDPs, fil-waqt li l-UE rċeviet miljun refuġjat fl-2015 biss. Fenomeni marbuta mal-klima, bħall-El Niño ta' din is-sena — li mistenni li jkun l-aġar wieħed f'20 sena — ukoll jista' jkollhom impatt konsiderevoli⁵. **L-effetti kkumbinati ta' aktar kunflitti, vjolenza, it-tibdil tal-klima, id-diżastri ambjentali u naturali, se jġiegħel aktar nies jaħarbu.** L-informazzjoni ta' sfond dwar il-kuntest u l-muturi tal-ispustar bil-forza, kif ukoll evalwazzjoni tal-politiki eżistenti tal-Kummissjoni, tal-istrumenti u l-prassi fl-assistenza lir-refuġjati, lill-IDPs u lil dawk li qegħdin ifittxu l-ażil f'pajjiżi terzi sħab tinsab fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jinsab ma' din il-Komunikazzjoni.

Fl-2015, il-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHCR) identifika l-fatturi maġġuri li qegħdin iġiegħlu lir-refuġjati Sirjani f'pajjiżi ġirien biex imorru jfittxu ażil fl-Ewropa. Dawn jinkludu t-telf tat-tama, l-ispejjeż għoljin għall-ħajja u l-firxa tal-faqar, u opportunitajiet limitati li wieħed jaqla' x'jiekol jew jirċievi edukazzjoni. Mingħajr prospetti ta' żvilupp u opportunitajiet li jtgawdew drittijiet soċjali u ekonomiċi, huwa aktar probabbli li r-refuġjati u l-IDPs imorru 'l barra mir-reġjuni tagħhom ta' oriġini. **L-ispustamenti sekondarji u multipli jirriflettu nuqqas kollettiv biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u vulnerabbiltajiet**

¹ COM(2015) 240, 13.5.2015.

² "World at War. UNHCR: Global Trends, Forced Displacement in 2014", Ġunju 2015.

³ Iddefinita bħala sitwazzjoni fejn 25 000 refuġjati jew aktar tal-istess nazzjonalità ilhom fl-eżilju għal ħames snin jew aktar f'pajjiż partikolari ta' ażil (UNHCR).

⁴ Xejriet ta' nofs is-sena tal-UNHCR 2015, Diċembru 2015.

⁵ Kif rikonoxxut mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Ewropea dwar il-Klima wara COP 21 (02/2016).

speċifiċi fuq perjodu ta' żmien medju u għat-tul ta' persuni spustati bil-forza u l-komunitajiet li jilqgħuhom u biex **jipprovdulhom soluzzjonijiet sostenibbli**⁶. Is-sistema umanitarja waħedha ma tistax takkomoda l-ħtiġijiet ta' żvilupp dejjem jikbru ta' persuni spustati bil-forza u tal-komunitajiet li jilqgħuhom. L-ispustar bil-forza mhux biss sfida umanitarja: huwa wkoll sfida **politika, ta' drittijiet umani, ta' żvilupp u ekonomika**, apparti r-rabtiet inevitabbli tiegħu mal-fenomeni aktar wiesa' tal-**migrazzjoni**.

Filwaqt li l-preokkupazzjoni immedjata tal-UE hija l-ispustar bil-forza minħabba l-kunflitti fil-viċinat tagħha, il-kwistjoni ta' **spustar bil-forza għat-tul hija waħda globali**. Għal din ir-raġuni, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rwol tal-azzjoni esterna tal-UE fil-kriżi preżenti tar-refuġjati⁷ appellat lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jimpenjaw ruħhom li jagħmlu aktar, għat-tul, biex jindirizzaw il-kawżi fl-għerquq tal-migrazzjoni u l-ispustar. L-UE tat prova tal-impenn tagħha li **tattakka l-kawżi fl-għerquq tal-ispustar bil-forza fis-sors tiegħu** billi żżid l-isforzi tagħha biex tippreveni l-kunflitti, tirrisolvi dawk eżistenti u tindirizza abbużi tad-drittijiet tal-bniedem — **kollha muturi maġġuri tal-ispustar bil-forza**. L-impenn preżenti politiku u diplomatiku tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex jiġu riżolti kunflitti eżistenti u biex jitmexxa 'l quddiem ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja huwa għalhekk aspett ċentrali ta' din l-aġenda. Kif ukoll huma li jiġu salvati l-ħajjiet u li jingħata kontribut biex ikunu koperti ħtiġijiet umanitarji immedjati. Madankollu, lil hinn mill-protezzjoni ġuridika u fiżika⁸, ikel u kenn, il-persuni spustati bil-forza għandhom bżonn ukoll aċċess għall-impjiegi u għal servizzi bħal ma huma l-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni. L-acquis tal-UE u l-prassi tajba li ġew żviluppata sa mill-1999 sabiex tinħoloq Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil u biex jiġu armonizzati l-istandards minimi komuni għall-ażil jistgħu jikkostitwixxu eżempju tajjeb ta' kif pajjiżi sħab jistgħu jirċievu popolazzjonijiet akbar ta' refuġjati.

Spustar bil-forza: problema estiża u kumplessa

Din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq sitwazzjonijiet ta' spustar bil-forza, li ilu sejjer aktar milli jmissu, f'pajjiżi sħab, minħabba kunflitti, vjolenza u ksur tad-drittijiet tal-bniedem, irrispettivament mill-istatus ta' dawk spustati taħt il-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati tal-1951. Xi elementi tal-politika l-ġdida jistgħu jkunu applikabbli wkoll għall-ispustar ikkawżat minn diżastri naturali u minn avvenimenti klimatiċi, filwaqt li jingħata għarfien tal-politiki, il-kuntesti, il-ħtiġijiet u s-soluzzjonijiet differenti. Minħabba n-nuqqas ta' paċi sostenibbli f'ħafna pajjiżi ta' oriġini, il-politiċi ristrettivi tal-pajjiżi ospitanti u l-postijiet limitati ta' risistemazzjoni, il-biċċa l-kbira tan-nies spustati jgħixu **fi spustar estiż għal aktar minn ħames snin**. Ftit minnhom sabu soluzzjonijiet sostenibbli, bħal ma huma r-ripatrijazzjoni volontarja, ir-risistemazzjoni jew l-integrazzjoni lokali. Fl-2014, filwaqt li kien hemm 2.9 miljun refuġjat ġdid, 126 800 eks-refuġjati biss setgħu jirritornaw lejn il-pajjiż tagħhom ta' oriġini, u 105 200 biss kienu risistemati b'mod permanenti⁹. **Illum, l-ispustar estiż idum**

⁶ L-oqsma ġuridiċi internazzjonali jiddistingwu tliet soluzzjonijiet sostenibbli għar-refuġjati: ir-ripatrijazzjoni volontarja, l-integrazzjoni lokali u r-risistemazzjoni. Is-soluzzjonijiet sostenibbli għall-IDPs jistgħu jinkisbu permezz ta' reintegrazzjoni sostenibbli fil-post ta' oriġini, integrazzjoni lokali sostenibbli fil-post tal-ispustar inizzjali jew integrazzjoni sostenibbli f'xi parti oħra tal-pajjiż.

⁷ JOIN (2015) 40, 9.9.2015.

⁸ Taħt il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-Refuġjati tal-1915 u l-Protokoll tal-1967, ir-refuġjati li jingħataw għarfien għandhom id-dritt għal protezzjoni internazzjonali.

⁹ "World at War. UNHCR: Global Trends, Forced Displacement in 2014", Ġunju 2015.

bejn wieħed u ieħor 25 sena għar-refuġjati, u aktar minn 10 snin għal 90 fil-mija tal-IDPs¹⁰.

Fl-2014, 86 % tar-refuġjati madwar id-dinja kienu qegħdin jgħixu f'reġjuni li qegħdin jiżviluppaw u l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppatti taw ažiż lil 25 % mit-total globali¹¹. Dan jitfa' **pressjoni immensa mhux biss fuq il-persuni spustati nfushom u l-pajjiżi ospitanti tagħhom, fuq il-gvernijiet u l-komunitajiet, iżda wkoll fuq id-donaturi. Dawn il-kostitwenti kollha għandhom responsabbiltà li jirreaġixxu.** Il-persjoni maħluqa mill-influss u l-permanenza għat-tul ta' popolazzjonijiet spustati hija **qawwija b'mod partikolari f'komunitajiet, pajjiżi u reġjuni vulnerabbli.** Dan għandu impatt mifruq fuq l-edukazzjoni pubblika, l-immaniġġjar tal-iskart, il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni u tal-proprjetà, fuq amenitajiet bħal ma huma l-provvista tal-elettriku u tal-ilma, fuq il-prezzijiet tal-ikel u l-paġi, u fuq l-istabbiltà kumplessiva. B'żieda dejjem tikber ta' persuni spustati li jsibu kenn f'żoni urbani, l-impatt fuq l-ippjanar u l-provvista ta' servizzi hija kbira b'mod partikolari fl-ibliet.

L-Aġenda dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2030¹² tirrikonoxxi l-ispustar bil-forza bħala wieħed mill-fatturi ċentrali li jheddu li jreġġgħu lura ħafna mill-progress ta' żvilupp li sar fl-aħħar deċenji. Għal din ir-raġuni hija inkludiet ir-refuġjati u l-IDPs fil-kategorija ta' persuni vulnerabbli li ma għandhomx jitħallew **jaqgħu lura.** Filwaqt li jibbenefikaw mill-assistenza umanitarja, persuni spustati bil-forza ħafna drabi jkunu esklużi minn programmi u attivitajiet li jsiru minn atturi fl-iżvilupp. Il-politiċi tal-pajjiż li jilqa' spiss jirristringu l-aċċess għas-suq tax-xogħol għar-refuġjati u jimponu limitazzjonijiet fuq il-moviment u r-reżidenza tagħhom fi ħdan il-pajjiż. Huma jipprojbixxu wkoll it-titjib ta' arranġamenti b'mod li jħajru l-permanenza u jagħmluha diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jinkiseb status ġuristiku sikur għat-tul. Ir-riżultat ta' dawn il-linji ta' politika huwa dak li l-popolazzjonijiet spustati jinżammu fil-"limbu" u jiġi żgurati li, fin-nuqqas ta' prospettivi ta' żvilupp għat-tul, jibqgħu fil-bżonn kontinwu ta' sostenn minn atturi umanitarji. Ir-refuġjati u l-IDPs huma individwi produttivi b'ħiliet u assi u li għandhom il-kapaċità li jikkontribwixxu għall-ekonomija u s-soċjetà tal-pajjiżi jew il-komunitajiet li jilqgħuhom. Madankollu, mingħajr opportunitajiet ta' żvilupp, il-mudell predominanti ta' **dipendenza fuq tip ta' għajjnuna "ħsieb u kura"** jimmina **l-opportunitajiet għar-refuġjati u l-IDPs li jgħixu ħajja indipendenti¹³.**

Is-sitwazzjonijiet ta' spustar huma kumplessi ħafna u huma differenti ħafna minn xulxin. Xi refuġjati jistgħu fil-bidu jkollhom ħila akbar biex ikampaw milli jkollhom dawk li jospitawhom, pereżempju minħabba flus imfaddla jew rabtiet familjari mill-qrib fil-pajjiż ospitanti. Barra minn dan, filwaqt li l-pajjiżi ospitanti jista' jkun li jkunu qegħdin jirċievu assistenza għall-iżvilupp mill-UE, il-komunitajiet ospitanti vulnerabbli s-soltu ma jibbenefikawx minn assistenza umanitarja. Il-popolazzjonijiet li jkunu baqgħu fil-komunitajiet tagħhom ta' oriġini, filwaqt li oħrajn jiġu sfurzati li jiċċaqalqu, jistgħu wkoll ikunu vulnerabbli. Dawk li jirritornaw b'mod volontarju jistgħu jkollhom vantaġġi relattivi fejn jidħlu ħiliet u kapital li jkunu akkumulaw barra mill-pajjiż. Ir-refuġjati u l-IDPs jistgħu jaffaċċjaw sfidi simili bħal ma jsibu migranti li jmorru mill-irħula lejn l-ibliet jew lill-persuni faqar jew imbegħda bl-ibliet jew fl-irħula. Dan jista' jwassal għal tensjoni u kunflitt bejn il-

¹⁰ "World at War. UNHCR: Global Trends, Forced Displacement in 2014", Ġunju 2015; "Global Overview 2015: People internally displaced by conflict and violence", IDMC, Mejju 2015.

¹¹ "World at War. UNHCR: Global Trends, Forced Displacement in 2014", p.2, Ġunju 2015

¹² "Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development", A/RES/70/1.

¹³ L-indipendenza hija l-ħila tal-persuni, l-unitajiet domestiċi jew il-komunitajiet li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom u li jgawdu drittijiet soċjali u ekonomiċi b'mod sostenibbli u dinjituż.

komunitajiet u, imbagħad, jinħoloq spustar sekondarju massiv. B'mod partikolari fil-każ tal-IPs u dawk li jirritornaw, attenzjoni mhux dovuta toħloq ukoll ir-riskju li jkun hemm nuqqas ta' konformità mal-prinċipju umanitarji li tiingħata assistenza biss fuq il-bażi tal-ħtieġa. Approċċ ibbażat fuq l-istatus jista' wkoll ikun wieħed mhux operabbli f'sitwazzjoni fejn il-motivazzjonijiet għaċ-ċaqlieg ikunu mħallta u kumulattivi, u li fihom **il-vulnerabbiltà tiddependi aktar fuq ċirkostanzi individwali milli fuq l-appartenenza għal xi kategorija jew grupp definiti b'mod speċifiku.**

Għalhekk, meta jiffasslu intervenzjonijiet, **il-vulnerabbiltajiet attwali għandhom jipprevalu fuq l-istatus ġuridiku**, fir-rispett sħiħ tal-liġi internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem. **Il-ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni** ta' dawk spustati bil-forza għandhom jiġu indirizzati, abbażi tal-ġeneru, l-età u d-diżabbiltà kif ukoll il-politika, l-etniċità, il-lingwa, l-orijini tal-kasta, ir-reliġjon u jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. **Għalhekk approċċ ta' "kulħadd fl-istess keffa" ma jaħdimx.** L-UE hija impenjata li tipprovdi l-qafas ta' **politika għal reazzjoni globali effiċjenti, speċifika għall-kuntest u dinjituża** għall-ispustar bil-forza. Hija għandha l-intenzjoni li tagħmel dan billi ġġib flimkien l-approċċi tagħha lejn kwstjonijiet politiċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, l-iżvilupp, id-drittijiet umani u l-assistenza umanitarja, u billi tiġi mtejbja r-rabta riżultanti.

It-fassil ta' qafas ta' politika orjentat lejn l-iżvilupp biex jiġi indirizzat l-ispustament bil-forza estiż

Hemm bżonn li jkun hemm **qafas ta' politika ġdid, koerenti u kollaborattiv.** L-approċċi politiċi, ta' drittijiet tal-bniedem, dawk umanitarji u ta' żvilupp iridu jikkomplimentaw lil xulxin sabiex jinħoloq **xenarju fejn jirbaħ kulħadd** kemm għall-persuni spustati kif ukoll għall-komunitajiet ospitanti. Dan il-qafas ġdid ta' politika se jistrieħ fuq l-attributi pożittivi tal-approċċ komprensiv tal-UE¹⁴ u l-approċċ tal-UE għar-reżiljenza¹⁵. Il-qafas jisfrutta l-kapaċitajiet produttivi tar-refuġjati u l-IDPs billi jgħinhom fl-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, l-art, l-assi produttivi, l-għajxien u s-servizzi, u billi jingħata sostenn lill-interazzjoni bejniethom u l-komunità ospitanti tagħhom.

Sabiex il-qafas il-ġdid ta' politika jopera b'mod effettiv, iridu jiġu superati l-qasmiet operattivi li jeżistu bħalissa. **L-atturi politiċi** jridu jkunu aktar involuti f'negozjati biex jingħelbu ostakoli li ma jħallux lil persuni spustati jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom. L-atturi fl-għajjnuna umanitarja u ta' żvilupp joperaw fi ħdan ċikli u proċeduri differenti strutturali, ta' pprogrammar u ta' ffinanzjar li ma jirriflettux **il-ħtiġijiet reali u għat-tul tal-persuni spustati jew tal-komunitajiet ospitanti.** L-assistenza umanitarja hija mfassla sabiex tintuża bħala miżura fuq perjodu qasir malli tfaqqa' kriżi, sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet immedjati umanitarji u ta' protezzjoni tal-persuni spustati bil-forza, kemm jekk ikunu f'kampijiet kif ukoll b'żoni urbani. L-assistenza għall-iżvilupp, min-naħa l-oħra topera taħt ċikli twal pluriennali ta' pplanar u ta' ffinanzjar.

Il-kooperazzjoni msaħħa bejn atturi fl-assistenza ta' żvilupp u umanitarja — **b'rabtiet aktar mill-qrib fil-livell ta' ffinanzjar u ta' pprogrammar, l-iskambju u l-evalwazzjoni tal-informazzjoni u t-fassil ta' miri** — tista' tippermetti t-fassil ta' strateġiji ta' **protezzjoni u ta' indipendenza** aktar effettivi u aktar durabbli. Dan ikun ta' benefiċċju kemm għall-persuni

¹⁴ "L-approċċ komprensiv tal-UE rigward il-konflitti u l-kriżijiet esterni", JOIN(2013) 30, 11.12.2013.

¹⁵ "L-Approċċ tal-UE għar-reżiljenza: nitgħallmu mill-kriżijiet tas-sigurtà tal-ikel", COM(2012) 586. 3.10.2012.

spustati kif ukoll għall-komunitajiet ospitanti vulnerabbli. Approċċ ġdid, orjentat lejn l-iżvilupp fil-konfront tal-ispustar bil-forza **mhux se jwassal għal kosti addizzjonali**. Għall-kuntrarju, fuq perjodu ta' żmien minn medju sa twil dan **itejjeb l-effiċjenza u jtejjeb ir-riżultati** għad-donaturi u għall-benefiċjarji bl-istess mod billi jnaqqas id-dipendenza fuq l-għajnuna umanitarja u jimmassimizza l-effettività tal-investment għall-iżvilupp.

Ir-rwol tal-gvernijiet ospitanti huwa kruċjali peress li huma responsabbli għall-oqsma legali u ta' politika li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tar-refuġjati, tal-IDPs kif ukoll tal-komunitajiet ospitanti. Il-gvernijiet jistabbilixxu l-parametri għall-interventi ta' żvilupp kif ukoll il-perjodi u l-ispazji għall-interventi umanitarji. Ħafna stati ospitanti ħafna drabi ma jkunux jistgħu jindirizzaw dawn l-isfidi waħedhom. L-investment sostanzjali mill-komunità internazzjonali huwa meħtieġ, speċjalment fil-livell lokali, sabiex jiġu garantiti riżultati pożittivi għat-tul kif ukoll li jkun hemm tassew qsim tal-piżijiet. Investment għal dan għandu jevita d-diskriminazzjoni fost il-kategoriji differenti ta' persuni spustati bil-forza u jippromwovi trattament ġust u ekwu billi jitneħħew l-ostakolu għall-parteċipazzjoni fis-swieq tax-xogħol, jiffaċilitaw l-aċċess għas-servizzi soċjali, jittejbu l-postijiet fejn jgħixu u jakkwistaw status legali sikur għat-tul.

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi politika ġdida, orjentata lejn l-iżvilupp sabiex jiġi indirizzat l-ispustar bil-forza fil-forma ta' serje ta' rakkomandazzjonijiet. Għandha l-għan li tgħaqqad strumenti u azzjonijiet differenti biex tiżgura li l-UE jkollha approċċ **effettiv, b'ċiklu sħiħ sabiex taffaċċja l-ispustar bil-forza**. Barra minn dan, il-Komunikazzjoni hija appell għas-sostenn għal dan l-approċċ ġdid mill-isħab tagħna li jimplimentaw: l-aġenziji tan-NU, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs), is-settur privat u atturi oħra mhux tal-istat kemm fil-pajjiżi tal-UE kif ukoll f'dawk sħab.

2. L-ELEMENTI TAL-QAFAS TA' POLITIKA L-ĠDID

2.1. NESS AKTAR QAWWI UMANITARJU U TA' ŻVILUPP

L-attenzjoni ta' politika tal-Kummissjoni daret minn fuq approċċ lineari umanitarju ta' żvilupp — li jgħaqqad flimkien it-taffija, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp — lejn il-bini tar-reżiljenza. Aktar riċenti, ġie adottat approċċ komprensiv li jintegra l-għajnuna umanitarja, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-impenn politiku. Huwa ta' importanza liema bħalha li l-partijiet interessati politiċi u dawk konnessi mal-iżvilupp, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-atturi umanitarji, jimpenjaw ruħhom **sa mill-bidu ta' kriżi ta' spustar**. Dan jiżgura li jkun hemm tqassim aħjar tar-responsabbiltajiet bejn l-atturi umanitarji u dawk ta' żvilupp, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-prinċipji umanitarji.

2.1.1. L-INVOLVIMENT MINN KMIENI TAL-ATTURI KOLLHA

L-UE għandha tkompli **bl-involviment tagħha permezz tal-atturi politiċi u ta' żvilupp tagħha u dawk tal-Istati Membri fi stadju bikri ta' kriżi** sabiex tkun tista' ssegwi approċċ aktar koerenti u koordinat. Ir-rispett sħiħ tal-prinċipji umanitarji u koordinazzjoni mill-qrib mal-gvern ospitanti huma kruċjali. L-għan aħħari huwa li jittejjeb l-kundizzjonijiet ta' għixien **madwar il-perjodu kollu tal-ispustar** u li jiġu implimentati bl-aktar mod effettiv **soluzzjonijiet li jistgħu jwasslu biex l-ispustar jintemm**. L-impenn simultanju ta' firxa wiesgħa ta' strumenti, abbażi tal-vantaġġi komparattivi tagħhom u taħt qafas strateġiku konġunt, huwa konformi mal-approċċ tal-UE lejn ir-reżiljenza. Dan l-approċċ jeħtieġ **impenn**

multilaterali b'firxa usa' ta' atturi mill-qasam politiku, dak tad-drittijiet tal-bniedem, tal-iżvilupp, umanitarju, internazzjonali, nazzjonali u lokali li permezz tiegħu l-vantaġġ komparattiv ta' kull attur jista' jiġi mmassimizzat. Sabiex tkun tista' tiżdied l-indipendenza individwali tagħhom, huwa essenzjali li kemm il-persuni spustati kif ukoll il-komunitajiet ospitanti jieħdu parti attiva fil-formulazzjonni ta' programmi u strateġiji. Din il-parteċipazzjoni attiva għandha tinkludi l-ħtiġijiet ġenwini u diversi u l-**vulnerabbiltajiet u l-ħiliet speċifiċi** tal-persuni f'kull kuntest konkret.

Is-sistema ta' twissija bikrija tal-UE dwar il-kunflitti¹⁶ tistrieħ fuq evalwazzjonijiet tar-riskju ta' kunflitti u tippromwovi azzjoni preventiva mill-UE, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm riskju li jikkawżaw spustar bil-forza. Dan l-approċċ għall-analiżi tal-kunflitti jiġġenera opzjonijiet ta' reazzjoni komprensivi, inkluż l-involvement minn Stati Membri tal-UE u minn sħab internazzjonali kruċjali bħal ma huma n-NU.

Fl-2012, bħala wieħed mill-ewwel atturi tal-iżvilupp, l-UE ifffinanzjat proġett ta' appoġġ għall-ħtiġijiet fuq perjodu medju u twil ta' komunitajiet ospitanti u ta' refuġjati Sirjani fil-Libanu. Kien kritiku li jkun hemm approċċ integrat fi stadju bikri peress li l-komunitajiet ospitanti u l-istituzzjonijiet l-aktar milquta mill-influss tar-refuġjati f'it kellhom sostenn.

2.1.2. IT-TFASSIL TA' STRATEĠIJI KOERENTI ABBAŻI TAL-PROVI

L-approċċ komprensiv tal-UE għall-kunflitti u kriżijiet esterni¹⁷ jipprovdi punt ta' dħul importanti għall-użu strateġikament koerenti tal-politiki u l-istrumenti differenti tal-UE f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. L-użu ta' dan il-punt ta' dħul itejjeb l-effettività u l-impatt tal-politika u l-azzjoni tal-UE, speċjalment peress li l-kunflitti u l-kriżijiet għandhom tajettorji mhux lineari. Il-prinċipji ta' approċċ komprensiv jittrađu f'azzjoni preventiva fejn ikun possibbli, u fi ppjanar strateġiku mmexxi mill-pajjiżi abbażi ta' **dokumenti ta' qafas konġunti**¹⁸ jew **strateġiji umbrella ekwivalenti**. Dan għandu jistrieħ fuq riċerka, evalwazzjoni tar-riskju u għodda ta' mmanijġjar eżistenti biex tiġi pprovduta bażi komuni bbażata fuq il-provi u tinkludi, fejn ikun relevanti, analiżi konġunta tal-kunflitt, evalwazzjoni tal-ħtiġijiet konġunta u analiżijiet oħra relatati ta' sitwazzjonijiet u muturi ta' spustar estiż.

Analiżijiet konġunti u komprensivi speċifiċi għall-pajjiż għandhom jinkludu **analiżi konġunta mill-partijiet involuti** tal-ambjent ta' politika u tal-oqsfa istituzzjonali. Dawn l-oqsfa għandhom jinkludi wkoll analiżi tal-prospetti tas-soluzzjonijiet durabbli kif ukoll profil demografiku għar-refuġjati, l-IDPs u l-komunitajiet ospitanti. Għandhom jiġu rispettati l-prinċipji tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta meta jitħejjew l-analiżijiet f'konsultazzjoni mal-benefiċjarji.

Jista' jintuża **immappjar** tal-impatti diretti u indiretti ekonomiċi, ambjentali, soċjali, fiskali u politiċi tal-ispustar bħala punt ta' dħul għad-diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-gvern/lokali ospitanti. L-interventi jrid ikollhom flessibbiltà suffiċjenti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet dejjem jinbidlu.

¹⁶ SWD(2016) 3, 27.01.2016.

¹⁷ JOIN(2013) 30, 11.12.2013.

¹⁸ Dokumenti konġunti ta' qafas bħala sostitut għad-dokumenti strateġiċi tal-pajjiżi kif previst mir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ĠU L77, 15.3.2014, p.77.

Ir-riżultati ikun strateġiji aktar ħolistiċi, effettivi u durabbli ta' **protezzjoni u ta' indipendenza** għall-persuni spustati u dawn jingħataw l-opportunitajiet li jkollhom ħaġġa dinjituża, filwaqt li jitnaqqas l-impatt fuq il-komunitajiet ospitanti. **Il-Fondi Fiduċjarji** tal-UE li ġew stabbiliti għar-Repubblika Ċentru-Afrikana¹⁹, dak f'reazzjoni għall-kriżi tas-Sirja (il-Fond Madad²⁰), għall-Afrika²¹, il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija²² u impenji magħmula fil-konferenza ta' Londra "Appoġġ lis-Sirjani u lir-reġjun" fi Frar 2016²³ kollha jirriflettu din iċ-ċaqliqa lejn strateġiji aktar ħolistiċi.

Il-faċilità l-ġdida ta' riċerka u evidenza tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika se tipprovdi riċerka biex tissostanzja t-tfassil ta' politika u t-tfassil tal-proġetti madwar il-perjodu ta' validità tal-Fond Fiduċjarju.

2.1.3. IL-KONVERŻJONI TA' STRATEĠIJI KOERENTI FI PROGRAMMAR KOERENTI

L-approċċ ta' politika l-ġdid irid ikun in-norma mhux l-eċċezzjoni. Għandu jinkludi **skambju aktar profund ta' informazzjoni, evalwazzjonijiet ikkoordinati, oqsma analitiċi konġunti, kif ukoll programmi kkoordinati u ċikli finanzjarji. Dan jinvolvi li jiġu stabbiliti miri komuni fuq perjodu qasir, medju u għat-tul, kif ukoll indikaturi komuni.** Il-miri komuni maqbula bejn l-UE u l-pajjiżi ospitanti, u mfassla taħt iċ-ċiklu ta' ppjanar pluriennali tal-iżvilupp ikun jippermetti l-assistenza umanitarja biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' influssi mhux mistennija ta' persuni spustati mingħajr ma' jitqiegħdu fil-periklu l-programmi ta' żvilupp jew li l-komunitajiet lokali jsiru aktar fraġli.

Meta l-ispustar bil-forza jiġi identifikat bħala sfida ċentrali għall-iżvilupp, il-programmi eżistenti għandhom jiġu adattati jew inkella jitfasslu programmi ġodda biex jinkludu l-ispustar. **L-ipprogrammar konġunt** bejn l-UE u l-Istati Membri huwa eżerċizzju flessibbli, immexxi mill-pajjiżi, li jista' jkun għodda utli biex jiġi ffaċċjat l-ispustar bil-forza.

Id-donaturi għandhom jipprovdu **ffinanzjar prevedibbli u flessibbli.** Fil-livell tal-UE għandha tintuża l-flessibbiltà tal-istrumenti esterni ta' finanzjar²⁴ biex dan l-approċċ ikun jista' jitwettaq. Il-ħolqien reċenti tal-Fondi Fiduċjarji tal-UE jagħti lill-UE aktar flessibbiltà, flimkien mal-possibbiltà li jidħlu fondi addizzjonali minn donaturi oħra, inklużi Stati Membri tal-UE. Tipi oħra ta' għodda li jippermettu aktar flessibbiltà jinkludi l-istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi²⁵, il-Miżuri Speċjali u l-modifikaturi tal-kriżijiet fil-proġetti.

¹⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 5019 tal-11.7.2014 dwar l-istabbiliment tal-Fond Fiduċjarju Ewropew għar-Repubblika Ċentru-Afrikana "Bêkou EU Trust Fund".

²⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 9615 tal-10.12.2014 dwar l-istabbiliment tal-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana, "il-Fond Madad".

²¹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 7293 tal-20.10.2015 dwar l-istabbiliment ta' Fond Fiduċjarji ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-istabbiltà u li jindirizza l-kawżi fl-għerq tal-migrazzjon irregolari u l-persuni spustati fl-Afrika.

²² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 finali dwar il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni – il-Faċilità għar-Refuġjati għat-Turkija.

²³ Dawn l-impenji jinkludi wegħdi u pattijiet tal-UE bħal dawk li hemm il-ħsieb li jsiru għall-Ġordan u għal-Libanu. Il-Pattijiet huma pakketti komprensivi ta' għajjnuna u ta' sostenn li jikkombinaw elementi ta' politika fi ħdan il-kompetenza tal-UE (assistenza, kummerċ, mobilità, sigurtà, eċċ) bi skambju ma' impenji mill-Ġordan u l-Libanu dwar l-inklużjoni soċjali u ekonomika tar-refuġjati Sirjani.

²⁴ ĠU L77, 15.03.2014.

²⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014, ĠU 77/1. 15.03.2014.

L-UE żviluppat Qafas Konġunt ta' Żvilupp Umanitarju bħala d-dokument ewlieni ta' sostenn għal kull ħidma konġunta li tindirizza l-malnutrizzjoni fil-parti ta' fuq tan-Niġerja.

2.1.4. IT-TRAWWIM TA' INIZJATTIVI REĠJONALI

Kooperazzjoni mtejba bejn il-politiki u l-istrumenti differenti tal-UE hija element determinanti tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (*European Neighbourhood Policy - ENP*) riveduta. Fost l-azzjonijiet kruċjali, ir-reviżjoni tal-ENP tissuġġerixxi involviment akbar tal-UE **fit-trawwim tal-kooperazzjoni reġjonali** bejn pajjiżi ġirien li jaffaċċjaw sfidi komuni, kif ukoll fil-promozzjoni tal-mobbiltà akkademika u tax-xogħol, inkluż għar-refuġjati. Ġew ukoll enfasizzati rabtiet aktar qawwija ma' atturi tad-dijaspora, tal-korpi leġislattivi u s-suq tax-xogħol, bħal ma huma n-negozju, it-trejdunjons u l-isħab soċjali bħala ċavetta għall-ġhotti ta' protezzjoni ta' dawk spustati bil-forza. Dawn ikabbru r-reżiljenza tal-komunitajiet ospitanti²⁶.

Il-Programm tal-Iżvilupp u l-Protezzjoni Reġjonali, iffinanzjat mill-UE fl-Afrika ta' Fuq qiegħed jgħin pjattaforma ta' ffinanzjar kollettiv (crowdfunding) mid-dijaspora Għarbija (narwi.com) biex jiġu ffinanzjati impriżi kummerċjali zġhar.

Azzjonijiet:

- Jiġi żgurat li l-analiżijiet konġunti u l-azzjoni preventiva jindirizzaw ir-riskji u l-konsegwenzi tal-ispustar bil-forza bħal ma jiġri permezz ta' konnessjonijiet bejn is-sistemi ta' twissija bikrija tal-UE dwar il-kunflitti u ħtiġijiet umanitarji.
- Jiġu applikati l-lezzjonijiet meħuda mill-approċċ ta' reżiljenza b'mod aktar konsistenti għal sitwazzjonijiet ta' spustar bil-forza. Il-lezzjonijiet jindikaw il-ħtieġa ta' analiżi konġunta tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet, it-tfassil konġunt ta' programmi strateġiċi u l-oqsfa ta' żvilupp umanitarji biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli.
- Jiġu inklużi azzjonijiet speċifiċi għall-ispustar fil-pjan ta' azzjoni dwar approċċ komprensiv tal-UE marbut ma' evalwazzjoni konġunta jew ikkoordinatat tal-ħtiġijiet u azzjoni sussegwenti.

2.2. IMPENN STRATEĠIKU MAL-ISĦAB

2.2.1. IL-PAJJIŻI SĦAB

Skont il-liġi internazzjonali²⁷ dwar ir-refuġjati u d-drittijiet tal-bniedem, il-gvernijiet ospitanti huma obbligati li jipprovdu protezzjoni lir-refuġjati u li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem tagħhom. Il-gvernijiet għandhom ir-responsabbiltà prinċipali li jipproteġu liċ-ċittadini tagħhom, inkluż lil dawk li jkunu spustati internament.

Hemm nuqqas kbir fl-inizjattivi fejn jidħu r-refuġjati mingħajr dokumenti u dawk li jirritornaw b'mod volontarju. Huwa meħtieġ approċċ ta' żvilupp biex jiġu sostnuti r-ritorn u r-

²⁶ JOIN (2015) 50, 18.11.2015.

²⁷ Il-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-istatus tar-Refuġjati (1951) u l-Protokoll dwar l-istatus tar-Refuġjati (1967) huma obbligati li jipproteġu r-refuġjati fit-territorju tagħhom skont it-termini ta' dawn l-istrumenti.

reintegrazzjoni tagħhom, iżda mingħajr l-istatus formali ta' refuġjati huma ma għandhomx id-dritt li jitolbu s-sostenn skont il-programmi nazzjonali.

Fil-Paksitan hemm refuġjati Afghani mingħajr dokumenti kważi daqs kemm hemm bid-dokumenti. Iż-żewġ gruppi jinsabu f'sitwazzjonijiet differenti u jaffaċċjaw sfidi differenti peress li huma eliġibbli għal tipi u livelli ta' appoġġ enormement differenti, fi ħdan il-pajjiż ospitanti u għar-ripatriju.

L-oqsma nazzjonali ġuridiċi u ta' politika u t-tmexxija li tingħata mill-gvernijiet jistabbilixxu l-parametri dwar kif jistgħu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tar-refuġjati, l-IDPs u l-komunitajiet ospitanti mill-atturi politiċi, ta' żvilupp u umanitarji. **Id-djalogu ta' politika** mal-gvernijiet ospitanti sa mill-bidu ta' kriżi huwa kruċjali biex jiġu definiti l-istrateġiji għat-tul u l-pjanijiet ta' żvilupp, bil-kunsiderazzjoni ta' sfidi speċifiċi għall-pajjiż. L-UE għandha tikkoopera mill-qrib mal-iżhab strateġiċi u mal-komunità internazzjonali fl-għajjnuna lil gvernijiet ospitanti u lill-awtoritajiet lokali, biex jifformulaw linji ta' politika li jiżguraw kemm il-protezzjoni legali tal-persuni spustati kif ukoll li jingħataw l-oppurtunitajiet biex ikunu indipendenti. Barra minn dan, għandha tingħata assistenza biex il-pajjiżi ta' oriġini jiġu stabbilizzati sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet bażiċi għall-persuni sabiex jirritornaw b'mod volontarju fil-postijiet fejn il-kunflitti jkunu ntemmu.

L-Att dwar ir-Refuġjati tal-Uganda jippermetti lir-refuġjati li jgħixu f'postijiet fejn ikollhom id-dritt li jikkultivaw l-art, ħaġa li tgħinhom ikunu indipendenti.

L-ispustar fuq skala kbira jikkawża kemm grad għoli ta' pressjoni fiskali fuq il-baġits nazzjonali u municijali, kif ukoll xokkijiet makroekonomiċi li għandhom it-tendenza li jimminaw l-istrateġiji nazzjonali tal-iżvilupp u l-kisbiet reċenti ta' żvilupp. Filwaqt li **r-resposabbiltà primarja għall-promozzjoni ta' approċċ ta' żvilupp biex dawn l-impatti strutturali tal-ispustar bil-forza jiġu eliminati hija tal-gvernijiet ospitanti**, dawn ta' spiss ma jkollhomx ir-riżorsi finanzjarji u l-kapaċità li jippromwovu dawn ir-reazzjonijiet. Meta dawn is-sitwazzjonijiet ma jiġux affaċċjati jista' jiġri li tiżdied kemm il-fraġilità tal-istati ospitanti kif ukoll it-tensjonijiet bejn l-ospiti u r-refuġjati jew il-komunitajiet tal-IDP. **L-atturi internazzjonali għandhom rwol vitali fl-għoti ta' sostenn estern** biex itaffu dawn l-impatti u jippromwovu reazzjonijiet aktar sostenibbli mill-gvernijiet.

Id-deċiżjonijiet ta' politika u l-qafas legali jiġu ġeneralment adotatti fil-livell nazzjonali, iżda jkunu **l-awtoritajiet lokali** li jkunu l-aktar milquta direttament bl-ispustar. Il-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali kif ukoll l-investment għat-tul fil-kapaċità tagħhom ta' reazzjoni huma kruċjali sabiex tiġi żgurata s-sjieda lokali u s-sostenibbiltà tar-reazzjoni. L-aktar approċċi innovattivi jiġu żviluppanti f'dan il-livell, bħal ma hi l-kooperazzjoni bejn l-ibliet biex titqawwa l-kapaċità f'oqsma bħal ma huma l-ippjanar urban, l-iżvilupp ekonomiku lokali u l-provvista ta' servizzi. L-użu strateġiku tal-għodda disponibbli jista' jorbot ir-reazzjoni lokali mal-istrutturi nazzjonali.

Fl-Iraq, l-UE qiegħda ssostni programm ta' assistenza ta' flus kontanti li huwa ssekwenzjat u li għandu diversi skopijiet, biex ikun ta' għajjnuna għal persuni spustati u għal unitajiet domestiċi vulnerabbli f'komunitajiet ospitanti. L-objettivi huma biex l-ipprogrammar ta' flus kontanti mmexxi mill-gvern u l-għajjnuna umanitarja jkunu allineati aktar mill-qrib, jiġi evitat li jinħolqu sistemi paralleli u tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn l-assistenza umanitarja u l-appoġġ għat-tul. Il-programm ta' flus kontanti kien tnieda fil-livell lokali/governattiv biex jinbnew rabtiet lokali li jistgħu mbaġħad jiġu elevati għal-livell

nazzjonali flimkien mal-apoġġ li jkun għaddej għal xbieki nazzjonali ta' protezzjoni nazzjonali, u mar-riforma tagħhom.

Is-CSOs jistgħu jassistu **bl-azzjonijiet ta' promozzjoni u bl-għoti ta' ħiliet** lil persuni spustati billi jinfurmawhom dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom. Jistgħu wkoll jiffaċilitaw l-interazzjoni reċiproka bejn il-persuni spustati u l-komunitajiet li jospitawhom. Sadanittant, **id-dijaspora tista' tgħin billi telewa l-profil** tal-kriżijiet u billi tikkontribwixxi finanzjarjament għall-istabbiliment ta' negozji żgħar ħafna kemm mill-komunitajiet ospitanti kif ukoll minn dawk spustati bil-forza.

L-effettività ta' dawn l-azzjonijiet biex titqawwa r-reżiljenza u l-indipendenza tiddependi ħafna fuq kemm il-komunitajiet ospitanti u l-persuni spustati nfushom jużaw dawn l-opportunitajiet. Għal dan il-għan, l-UE għandha tirsisti biex tfassal **approċċ lokalizzat, imfassal skont il-vulnerabbiltajiet speċifiċi u l-kapaċitajiet** ta' kull reġjun. Dan huwa possibbli biss jekk dawk **spustati bil-forza u l-popolazzjonijiet ospitanti jipparteċipaw b'mod attiv fil-formulazzjoni ta' linji ta' politika lokali, u fl-attività soċjoekonomika.** Dan jgħin mhux biss biex jittaffew it-tensjonijiet bejn il-popolazzjonijiet diversi iżda wkoll jassisti fl-ippjanar urban u jenfasizza l-vantaġġi potenzjali tal-koeżistenza tagħhom. Il-fatt li **aktar nies spustati bil-forza issa jgħixu f'żoni urbani** milli f'kampijiet jagħtihom aktar opportunitajiet li jintegraw.

Azzjonijiet:

- Jiġi promoss l-aċċess għall-forom kollha ta' reġistrazzjoni legali għall-popolazzjonijiet kollha spustati, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dejta personali fir-rispett sħiħ ta' standards internazzjonali. Dan jinkludi li jiġi reġistrat it-twelid sabiex jiġi żgurat li tfal spustati jiġu inklużi fis-sistema ta' reġistrazzjoni ċivili tal-pajjiż ospitanti u biex ma jiġrix li jitfaċċaw popolazzjonijiet ġodda apolidi.
- Il-gvernijiet u l-komunitajiet ospitanti jiġu mħajra, permezz ta' azzjonijiet ta' promozzjoni, informazzjoni u inċentivi li ftit ftit jintegraw persuni spustati bil-forza fil-ħajja soċjali u ekonomika tal-komunità.
- Issir ħidma flimkien mal-gvernijiet ospitanti biex, b'apoġġ politiku, il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjoekonomika ta' persuni spustati bil-forza tiġi ankrata legalment fil-pjani ta' żvilupp lokali u nazzjonali. Dan għandu jsir fir-rispett sħiħ tal-liġi internazzjonali dwar ir-rifuġjati u l-liġi internazzjonali umanitarja. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-bżonnijiet ta' persuni vulnerabbli minħabba sess, età u disabbiltà.
- Tingħata għajnuna lid-dijaspora u lil inizzjattivi tas-soċjetà ċivili sabiex tiżdied l-indipendenza tal-persuni spustati bil-forza u l-integrazzjoni tagħhom fil-komunitajiet ospitanti.
- Jiġi xprunat l-impenn mal-awtoritajiet lokali sabiex iżidu l-kapaċitajiet tagħhom f'oqsma bħal ma huma l-ippjanar urban, l-iżvilupp ekonomiku lokali bbażat fuq iż-żona lokali u l-provvista ta' servizzi. Dan jista' jsir permezz ta' kooperazzjoni deċentralizzata (pereż. kooperazzjoni belt ma' belt.)

2.2.2. L-INVOLVIMENT TAS-SETTUR PRIVAT

Is-settur privat jista' jsir attur importanti fiż-żieda tal-indipendenza u l-inklużjoni ta' persuni spustati bil-forza u biex titqawwa r-reżiljenza tal-komunitajiet ospitanti tagħhom. **Is-settur privat jista' jassisti kemm fil-livell makroekonomiku kif ukoll f'dak mikroekonomiku. Jista' wkoll joffri servizzi tant meħtieġa u opportunitajiet ta' impjieg.**

L-operazzjonijiet tas-settur privat jistgħu jkunu **flessibbli fejn jidħlu l-perjodi ta' implimentazzjoni** kif ukoll **kosteffettivi**. Madankollu, sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tas-settur privat, speċjalment biex jikkumplementa operazzjonijiet oħra fil-konkret, huwa meħtieġ sa mill-bidu li jkun hemm approċċ ħolistiku li jidentifika proġetti u sinerġiji potenzjali.

Is-settur privat jista' wkoll ikollu rwol importanti f'approċċi sostenibbli u favorevoli għas-suq fl-iżvilupp ta' **infrastrutturi muniċipali għal servizzi bħal ma huma l-enerġija, l-ilma u l-immaniġġjar tal-iskart**. Huwa għalhekk assolutament meħtieġ li l-qafas strateġiku jkun f'postu kmieni meta tinqala' kriżi sabiex **in-negozji jħossu ruħhom fiduċjużi li jinvestu**.

Fil-Ġordan, sħubija pubblika-privata għat-titjib tal-pompi tal-ilma wasslet għal iffrankar sinifikanti fl-enerġija. It-tiżib huwa bejn kumpanija privata u l-Jordan Water Company, mgħejjuna mill-Korporazzjoni Ġermaniża tal-Iżvilupp u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

Il-loġistika restrittiva tal-kampijiet tirrestrinġi l-possibbiltajiet li tissaħħa l-indipendenza. Il-flus kontanti u l-vawċers huma eżempji ta' xi wħud mill-approċċi l-ġodda mfassla biex jingħata sostenn li jista' jżid l-indipendenza u jkattar sens ta' **dinjità u ta' sjieda** fil-persuni spustati. Flimkien mal-iskemi tas-settur pubbliku "ħlas għax-xogħol", ta' impjieg għal żmien qasir ta' refuġjati, is-settur privat jista' jipprovdi servizzi finanzjarji permezz ta' sistemi bankarji lokali għal mekkaniżmu ta' distribuzzjoni ta' flus kontanti. Dawn jistgħu jkunu akkumpanjati minn skemi li jagħtu sostenn lil istituzzjonijiet ta' mikrofinanzi u lil mekkaniżmi ta' tiffdil u ta' tislif, kif ukoll lil impriżi mikro, żgħar u medji u negozji stabbiliti ġodda permezz ta' bini ta' kapaċitajiet u ta' ffinanzjar. Jeżistu għadd ta' eżempji diġà li fihom impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ingħataw sostenn sabiex jinħolqu l-impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku permezz ta' diversi prodotti ta' ffinanzjar ffaċilitajiet ta' taħlit²⁸. Il-faċilitajiet ta' taħlit għalhekk jistgħu jkunu għodda biex jiġu sfruttati riżorsi addizzjonali pubbliċi u privati.

Il-Fondi Finanzjarji Intermedjarji (FIFs) huma għodda ġodda biex jitnaqqsu l-ispejjeż tas-self għal pajjiżi bi dħul medju li huma l-ospiti ewlenin ta' popolazzjonijiet spustati bil-forza, bħal-Turkija, il-Ġordan, il-Libanu u l-Ukrajna. Il-faċilità konċessjonali ta' self għandha taħdem bħall-Fond Tranżitorju ta' Deauville, jiġifieri tkun iffinanzjata mill-għotjiet tad-donaturi, filwaqt li l-FIFs jiġġestixxu l-implimentazzjoni tal-programm.

Barra minn dan, il-kollaborazzjoni bejn is-settur privat u l-impreduturi soċjali tista' tgħin lil ħafna refuġjati u IDPs biex jakkwistaw settijiet tat-telefon ċellulari u aċċess għall-internet. B'dan jista' jsir aktar faċli li tinġabar u tiġi skambjata l-informazzjoni, jiġu pprovduti servizzi bħal ma huma l-flus kontanti mobbli u s-servizzi bankarji mobbli, u jiġu integrati r-refuġjati u l-IDPs fis-swieq lokali tax-xogħol.

²⁸ It-taħlit jirreferi għall-użu komplimentari ta' għotjiet u ta' self fl-assistenza esterna tal-UE.

Azzjonijiet:

- Jiġi inkluż is-settur privat fil-formulazzjoni ta' strateġiji fil-bidu ta' kriżi sabiex jiġu identifikati l-kapaċitajiet u jkun hemm biżżejjed żmien għall-ippjanar.
- Tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn is-settur privat u l-awtoritajiet tal-gvernijiet u l-awtoritajiet lokali ospitanti sabiex jissaħħew l-azzjonijiet kumplimentari u tiġi evitata d-duplikazzjoni., Dan jista' jsir, pereżempju, billi l-gvernijiet jingħataw għajjnuna biex jirrazzjonalizzaw il-proċeduri tagħhom b'mod li s-settur privat ikun jista' jistabbilixxi mikroimprezi.
- Jingħata sostenn lil persuni spustati li jaħdmu għal rashom biex ikunu jistgħu jerġgħu jistabbilixxu n-negozji tagħhom, b'mod li jikkontribwixxu biex jittaffew il-persjonijiet fiskali, jingħata spinta l-ħolqien tax-xogħol (inkluż lil membri tal-komunitajiet ospitanti) u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni.
- Jiġu mħajra l-gvernijiet ospitanti u s-settur privat biex iżidu l-aċċess għall-internet għal persuni spustati.

2.3. ENFASI SETTORJALI

2.3.1. L-EDUKAZZJONI

Fi kriżijiet fejn ikun hemm spustar bil-forza, l-edukazzjoni ta' kwalità f'ambjent bla periklu hija parti **essenzjali fl-istrateġiji ta' protezzjoni tat-tfal** u hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin kemm għall-persuni spustati bil-forza kif ukoll għall-komunitajiet ospitanti. In-nuqqas ta' opportunitajiet ta' edukazzjoni jimmina l-prospetti li jinkiseb stat pożittiv soċjali u ekonomiku u jirriskja li joħloq deklin interġenerazzjonali fil-kapital uman, kif ukoll telf ta' tama, joħloq marġinalizzazzjoni, esplojtazzjoni (sesswali), kriminalità, vjolenza u radikalizzazzjoni. L-edukazzjoni waqt l-emerġenzi tikkostitwixxi element essenzjali tal-assistenza umanitarja fi kriżijiet fejn ikun hemm spustar bil-forza. Fl-2016, il-Kummissjoni ikkwadruplat is-sehem mill-baġit umanitarju annwali tagħha ddedikat **għall-edukazzjoni f'sitwazzjoni ta' emerġenza** għal 4%. Din iż-żieda tirrifletti ukoll l-enfażi li l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli titfa' fuq l-edukazzjoni bħala għodda għall-qerda tal-faqar u l-ġoti ta' ħiliet lit-tfal²⁹.

It-tfal taħt it-18-il sena kienu jikkostitwixxu 51% tal-popolazzjoni tar-refuġjati fl-2014, żieda mill-41% fl-2009 u l-oġġla ċifra f'aktar minn għaxar snin³⁰. Bi stima ta' 65 miljun tifel u tifla fl-età ta' bejn it-tlieta u l-15-il sena affettwati direttament minn emerġenzi umanitarji, inkluż l-ispustar, **teżisti theddida reali ta' "ġenerazzjonijiet mitlufa"**³¹. Sabiex it-tfal u ż-żgħażaġh jiġu integrati fil-komunitajiet ospitanti tagħhom, hemm bżonn li sfidi bħal ma huma t-trauma, in-nutrizzjoni, il-vjolenza abbażi tas-sess u l-ostakoli ta' lingwa u kultura jiġu affaċċjati b'mod effettiv. Dan jirrekjedi approċċ aktar komprensiv biex jikkumplimenta l-assistenza umanitarja.

²⁹ SDG 4 Edukazzjoni ta' Kwalità: Jiġi żgurat li tingħata edukazzjoni ta' kwalità inklussiva u ekwitabbli u jiġu promossi l-opportunitajiet lil kulħadd għat-tagħlim tul il-ħajja.

³⁰ "World at War. UNHCR: Global Trends, Forced Displacement in 2014", Ġunju 2015.

³¹ ODI — 'Education in Emergencies and Protracted Crises: Toward a Strengthened Response.' Dokument ta' sfond għal-Laqgħa Għolja dwar l-edukazzjoni għall-iżvilupp, is-6 u s-7 ta' Lulju, 2015.

Fil-Ġordan, l-UE qed tgħin lill-gvern jipprovi edukazzjoni b'xejn lil tfal refuġjati Sirjani permezz ta' programm ta' assistenza baġitarja.

Meta l-ispustar bil-forza jibda jtul, il-komunitajiet ospitanti u s-sistemi tagħhom tal-edukazzjoni pubblika jistgħu jibdeu jissieltu ma' problemi biex ikunu jistgħu jakkomodaw l-għadd u d-diversità tat-tfal u ż-żgħażaġh spustati. Għalhekk il-ħtieġa ta' għodod ta' integrazzjoni aktar qawwija ssir aktar urġenti. L-isfida kritika hija dik li jiġi żgurat li l-gvernijiet u l-awtoritajiet l-oħra jkollhom ir-riżorsi u l-kapaċità li jipprovd, kemm lill-popolazzjoni spustata kif ukoll lil dik lokali, aċċess għal **edukazzjoni sħiħa, ekwitabbli u ta' kwalità. Dan japplika fil-livelli kollha — l-edukazzjoni fit-tfulija bikrija, primarja, sekondarja, vokazzjonali u oġhla.** L-awtoritajiet għandhom jagħmlu l-aħjar użu mill-għalliema u mill-persunal l-ieħor konness mal-edukazzjoni li jkun f'ostak spustati biex dan jinkiseb u biex iqawwu l-għarfien interkulturali fi ħdan is-sistema edukattiva ospitanti. Biex jista' jkun hemm reazzjoni adegwata huwa importanti b'mod partikolari li ssir analiżi tal-livelli differenti tal-edukazzjoni ta' dawk preżenti u l-ħtiġijiet varji tagħhom. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tappoġġja lill-komunitajiet ospitanti permezz **tal-assistenza baġitarja u programmi ta' bini ta' infrastrutturi**, biex b'hekk jitqawwew **ir-reżiljenza u l-istat ta' tħejjija** tagħhom. L-edukazzjoni u t-taħriġ tal-lingwa, mogħtija f'ambjent konxju mid-differenza bejn is-sessi, li jkun bla perikli u mhux vjolenti, jikkostitwixxu wieħed mill-għodda l-aktar qawwija biex persuni spustati bil-forza jingħataw għajjnuna biex ikunu jistgħu jintegraw fil-komunitajiet ospitanti tagħhom. Dan huwa minnu b'mod speċjali fejn jidħlu n-nisa u l-bniet.

Il-kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-atturi umanitarji u ta' żvilupp tista' tiżgura l-kontinwità tal-edukazzjoni billi tagħlaq il-qasma bejn l-edukazzjoni f'sitwazzjoni ta' emerġenza u l-aċċess għal edukazzjoni sħiħa, ekwitabbli u ta' kwalità f'kull livell. Sadanittant, l-ippjanar strateġiku konġunt umanitarju u ta' żvilupp jista' jippermetti l-użu tal-**avvanzi teknoloġiċi**, bħal ma huma l-smartphones, it-tablets u l-internet fit-tagħlim b'mezzi elettroniki u tagħlim aktar interattiv. Dan jista' jkun ta' għajjnuna biex jintgħelbu ostakoli ta' kultura u ta' lingwa. Fil-każ tal-edukazzjoni oġhla, l-offerta ta' boroż ta' studju biex jiffaċilita l-aċċess għall-universitajiet kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-universitajiet tista' tippermetti lill-istudenti li jibqgħu akkreditati matul iż-żmient tal-ispustar tagħhom.

- *Ir-refuġjati Somali jistgħu jibbenefikaw minn programmi ta' edukazzjoni ċċertifikati b'mod konġunt, b'akkreditazzjoni f'universitajiet fil-Kenya u fil-Kanada.*
- *Fil-Ġordan, l-UE qiegħda tiffinanzja programm ta' edukazzjoni għolja li jagħti aċċess kemm lir-refuġjati kif ukoll lill-istudenti lokali għal ħafna korsijiet miftuħa online. Il-programm qiegħed jiġi implimentat mill-British Council.*
- *Fil-Kenya, fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u fis-Sudan ta' Isfel, il-UNHCR flimkien ma' fundazzjoni privata stabbilew 18-il skola f'network instantanju li jgħib l-enerġija mix-xemx. L-istudenti jużaw tablets li jaqbd u mal-internet biex isegwu direzzjonijiet, jagħmlu studji u riċerka, filwaqt li l-għalliema tagħhom jużaw whiteboards interattivi bħala għajjnuna vitali tat-tagħlim waqt il-lezzjonijiet.*

Bl-istess mod, jeħtieġ li jiġu inkoraġġiti l-innovazzjonijiet **fl-edukazzjoni u mhux formali**. Dawn għandhom ikunu mfassla fuq prattiċi tajba bħala ma hi dik li jipprovdu edukazzjoni bażika alternattiva lil tfal li jaħdmu, u taħriġ tal-lingwa u taħriġ ieħor għal għalliema u studenti li jużaw it-teknoloġija mobbli.

Azzjonijiet:

- Issir koordinazzjoni aktar mill-qrib ma' pajjiżi ospitanti biex jiġu analizzati l-livelli edukattivi u ħtiġijiet u tiġi żgurata kontinwità akbar bejn l-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u edukazzjoni mhux formali u/jew is-servizzi tal-edukazzjoni pubblika.
- Il-pajjiżi ospitanti jiġu mħajra jużaw il-potenzjal ta' persuni spustati li jkunu involuti fit-tagħlim/fl-edukazzjoni fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.
- Jingħata appoġġ finanzjarju u operattiv għat-tħaddim tajjeb tas-servizzi ta' edukazzjoni pubblika filwaqt li jiġi promoss l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni għal tfal spustati, b'mod partikolari tfajliet.
- Jiġu utilizzati l-avvanzi tat-teknoloġija, bħall-internet, l-ismartphones u t-tagħlim interattiv, sabiex l-integrazzjoni u t-tagħlim jkun jistgħu jsiru aktar malajr.
- Jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-universitajiet, anki billi jiġu offruti boroż ta' studju, u jiġu stabbiliti korsijiet ta' tagħlim mid-distanza ta' edukazzjoni għolja, kif ukoll programmi ċċertifikati ta' edukazzjoni għola li jipprovdu akkreditazzjoni flessibbli.

2.3.2. L-AĊĊESS GĦAS-SWIEQ TAX-XOGĦOL

Wieħed mill-metodi l-aktar effettivi biex titnaqqas id-dipendenza tal-persuni spustati bil-forza u tiżdied l-indipendenza tagħhom hija li jingħatalhom aċċess għas-swieq tax-xogħol. Apparti li dan jagħtihom **l-indipendenza finanzjarja**, dan jgħinhom **jintegraw u jipparteċipaw fil-komunitajiet ospitanti tagħhom u jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti**. Dan ikun il-każ speċjalment jekk l-impjieg ikun immirat li jibbenefika kemm lill-popolazzjoni spustata kif ukoll dik lokali u jtaffi l-persjoni fuq il-komunità ospitanti. Għall-kuntrarju, meta persuni spustati ma jitħallew jaħdmu, jew isirulhom restrizzjonijiet parzjali, x'aktarx li jiġri li tiżdied l-ekonomija informali b'konsegwenzi negattivi, bħal li jitfaċċa mill-ġdid ix-xogħol mit-tfal, ix-xogħol bil-forza, forom esplojtattivi ta' xogħol u r-riskju ta' dumping soċjali u t-tensjonijiet li jirriżultaw bejn il-komunità ospitanti u l-persuni spustati. Il-persuni spustati bil-forza huma **potenzjalment ħaddiema, professjonisti, nies tan-negozju u aġenti tal-iżvilupp**. Il-parteeċipazzjoni tagħhom fl-attività ekonomika lokali fil-pajjiż ospitanti tagħhom tista' tkun ta' benefiċċju kbir għar-reġjun kollu. Madankollu, biex jiġi sfruttat dan il-potenzjal, jeħtieġ li jiġi stabbilit il-qafas legali neċessarju. Dan għandu jiġi indirizzat permezz ta' djalogi politiċi. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tista' wkoll tkun ta' għajjnuna, billi jiġu pprovduti mhux biss possibilitajiet ta' impjieg iżda wkoll assistenza għall-bini ta' kapaċitajiet lill-gvern ospitanti.

Fil-Libanu, l-UE qiegħda tiffinanzja lill-Istħarriġ dwar il-Forza Lavorattiva u l-Istandards tal-Għajjn li se jinkludi lir-refuġjati Sirjani. L-istħarriġ se jkun ta' sostenn għat-tfassil tal-politika u għas-sistemi ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol li huma kruċjali għall-ippjanar tal-iżvilupp uman.

Bħala segwitu għad-Dikjarazzjoni tal-Unjoni tal-Mediterran dwar l-Ekonomija Blù, il-Kummissjoni tippromwovi inizjattivi dwar l-inklużjoni ta' popolazzjonijiet spustati bil-forza fi programmi ta' żvilupp tal-ħiliet u tal-ħolqien tal-impjiegi fis-settur tal-ibħra u dak marittimu.

L-involvement minn kmieni ta' atturi tal-iżvilupp waqt kriżi ta' spustar bil-forza jista' jqawwi b'mod drammatiku **l-istat ta' tħejjija tal-komunitajiet ospitanti** għal influż ta' persuni spustati. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tista' tkun ta' għajnuna għal pajjiżi ospitanti li jinvolvu lil persuni spustati bil-forza f'xogħlijiet pubbliċi li jkunu jirrekjedu ħafna ħaddiema. Dan ikun ta' għajnuna mhix biss **għall-integrazzjoni ta' persuni spustati bil-forza fil-komunità ospitanti b'mod aktar ħafif**; il-piż finanzjarju fuq il-pajjiż ospitanti minħabba l-ospitalità li tingħata lir-refuġjati jista' wkoll jittaffa minħabba introjti ta' taxxa. Barra minn dan, ix-xogħlijiet pubbliċi jkunu ta' benefiċċju għall-komunità lokali u jipprovdu reazzjoni lesta meta jkun hemm influż ulterjuri. Barra minn dan, meta jiġu stabbiliti bażijiet ta' dejta tal-ħiliet u l-professjonijiet li kellhom il-persuni spustati bil-forza, dan jista' jkun utli għal proġetti ad hoc u jista' jtejjeb il-mobilità tal-ħaddiema tal-komunità ospitanti lokali.

Il-Fundazzjoni ta' Riċerka dwar il-Politika Ekonomika tat-Turkija stabbiliet sistema biex jiġu identifikati l-ħiliet tar-refuġjati li jaqblu mal-ħtiġijiet tal-kumpaniji.

Azzjonijiet:

- Jingħata appoġġ ta' politika u kompetenza esperta biex tingħata għajnuna lill-gvernijiet ospitanti biex jgħaddu liġijiet li jagħtu lill-persuni spustati aċċess għas-suq formali tax-xogħol u xogħol deċenti u biex tingħatalhom protezzjoni mill-esplojtazzjoni tal-ħaddiema.
- Jiġi żgurat l-involvement sa minn kmieni tal-atturi tal-iżvilupp biex jiġu identifikati xogħlijiet pubbliċi possibbli li jkunu jinħtieġu għadd kbir ta' ħaddiema (flimkien kemm mal-gvern ospitanti kif ukoll is-settur privat) u jiġu impjegati persuni spustati permezz ta' programmi ta' flus għax-xogħol ("cash-for-work").
- Jiġi promoss il-ġbir ta' dejta u l-istabbiliment ta' bażijiet ta' dejta dwar il-ħiliet, il-kwalifiki u x-xogħol li kellhom qabel il-persuni spustati bil-forza sabiex ikunu jistgħu jaħdmu, fir-rispett sħiħ ta' standards internazzjonali għall-protezzjoni tad-dejta personali.
- Jiġi stabbilit djalogu soċjali mal-isħab soċjali, organizzazzjonijiet tan-negozju u awtoritajiet fi ħdan il-pajjiżi ospitanti. L-għan għandu jkun dan li jiġu evalwati aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u li jsir progress fuq l-għarfien ta' ħiliet u kwalifiki biex tiġi promossa aktar mobiltà legali, inkluż ta' dawk spustati bil-forza.
- Isir impenn attiv f'fora multilaterali dwar l-aċċes għas-swieq tax-xogħol u standards ta' xogħol deċenti għar-refuġjati³²

³² Bħal ma huma d-diskussjonijiet tal-ILO matul is-sessjonijiet 105 u 106 tal-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol dwar standard setting item fuq l-Impjiegi u x-xogħol deċenti għall-paċi, is-sigurtà u r-reżiljenza għad-diżastri: Reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-Impjiegi (Tranżizzjoni mill-Gwerra għall-Paċi), 1944 (Nru 71);

2.3.3. L-AĊĊESS GĦAS-SERVIZZI

Id-dimensjonijiet potenzjali għat-tul tal-ħtiġijiet tal-persuni spustati bil-forza, bħal ma huma l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, in-nutrizzjoni, il-protezzjoni, l-ilma għax-xorb u s-servizzi sanitarji, l-edukazzjoni ma jistgħux jiġu ssodisfati permezz ta' assistenza umanitarja waħedha. Barra min dan, l-esklużjoni ta' persuni spustati bil-forza mis-servizzi pubbliċi tal-komunitajiet ospitanti tista' twassal għal **dipendenza fuq l-għajnuna li ttelef l-iżvilupp sostenibbli kemm tal-komunitajiet ospitanti kif ukoll tal-persuni spustati**. Fejn ikun fattibbli, il-persuni spustati bil-forza għandhom jiġu integrati fi strutturi eżistenzi ta' provvista ta' servizzi, b'modi li jiżguraw li jkollhom aċċess ekwu u ġust għas-servizzi. Madankollu, l-għoti ta' dan l-aċċess jista' jservi ta' sfida peress li l-influss tar-refuġjati joħloq piż fiskali notevoli fuq il-pajjiżi ospitanti, speċjalment peress li dawn għandhom il-ħabta li jkunu ekonomiji vulnerabbli u b'introjt baxx. Servizzi bħal ma huma l-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, is-servizzi tal-impjeg u ta' taħriġ kif ukoll il-kura tat-tfal jaffaċċjaw pressjonijiet konsiderevoli. Dan huwa mhux biss minħabba s-sitwazzjoni tal-pajjiż ospitanti stess, li tista' tkun waħda prekarja; huwa wkoll dovut għan-nuqqas potenzjali ta' ħaddiema mħarrġa fil-kura tas-saħħa li jkollhom il-ħila li jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet tar-refuġjati, f'oqsma bħal ma huma s-saħħa mentali, l-istress posttraumatiku u l-vjolenza abbażi ta' sess. F'sitwazzjonijiet akuti ta' emerġenza fejn is-sistemi eżistenti ma jkunux jistgħu ikampaw jista' jkun hemm bżonn temporanju li jiddaħħlu sistemi paralleli biex jiġu pprovduti servizzi addizzjonali. Dawn għandhom jiġu integrati f'sistemi nazzjonali u lokali eżistenti hekk kif il-kundizzjonijiet ikunu jippermettu.

Fl-istess ħin, huwa essenzjali li jittieħdu miżuri kumplimentari biex jiġu mwieżna strateġiji ta' żvilupp sostenibbli għat-tul u biex jitħarsu l-kundizzjonijiet makroekonomiċi tal-pajjiżi li jintlaqtu. L-atturi internazzjonali għandhom għadd ta' miżuri u strumenti għad-dispożizzjoni tagħhom biex jgħinuhom jiksbu **l-istabbiltà makroekonomika**: appoġġ għal ħidma analitika dwar l-impatti makroekonomiċi biex fuqhom ikunu bbażati strateġiji ħolistiċi; miżuri ta' appoġġ biex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku u r-refuġjati jiġu inkorporati fil-forza lavorattiva jew self konċessjonarju biex tingħata spinta lill-iżvilupp kummerċjali li jiġġenera l-impjeg.

Fl-Iran, il-gvern dan l-aħħar ħabbar inizjattiva konġunta mal-UNHCR u l-Organizzazzjoni tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa Iranjana biex kważi miljuni refuġjat mill-Afghanistan u mill-Iraq jiddaħħlu fi ħdan ix-xibka ta' sigurtà nazzjonali tal-kura tas-saħħa - l-iskema ta' Assikurazzjoni Universali tas-Saħħa Pubblika.

Il-protezzjoni soċjali hija wkoll neċessarja biex il-persuni spustati bil-forza jkunu jafu drittijiethom u biex jingħatalhom **sostenn għat-tul, regolari u prevedibbli biex tiġi indirizata l-vulnerabbiltà kronika**. Minħabba l-pressjonijiet finanzjarji li għandhom quddiemhom bosta pajjiżi ospitanti, hija meħtieġa strateġija pluriennali ta' pprogrammar biex **tikkumplimenta l-isforzi tal-awtoritajiet pubbliċi** u l-assistenza minn atturi oħra. Sabiex tingħata imbuttatura lill-ħolqien ta' **xibka ta' sigurtà soċjali**, huwa neċessarju li jkun hemm sistemi ta' skambju ta' informazzjoni u ta' rintraċċjar ta' benefiċċji, kif ukoll ippjanar ta' kontinġenza u ta' ffinanzjar bejn l-atturi umanitarji u ta' żvilupp tal-UE u l-awtoritajiet pubbliċi.

il-laqgħa ta' livell għoli tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar ir-refuġjati u l-migrazzjoni f'Settembru 2016 u l-laqgħa tal-esperti tripartitika tal-ILO dwar l-aċċess tar-refuġjati għas-sug tax-xogħol.

Fil-Ġordan, il-proġett tal-UNRWA³³ dwar "it-tiżiħ tar-reżiljenza tar-refuġjati Palestinjani mis-Sirja" qiegħda ddaħħal ġabra ta' interventi ta' protezzjoni biex dawn ir-refuġjati ma jaqgħux f'vulnerabbiltà estrema. Dan qiegħed iseħħ permezz ta' għotjiet ta' flus kontanti, aċċess għall-edukazzjoni bażika u b'interventi umanitarji mmmirati.

Azzjonijiet:

- Tingħata għajnuna lill-gvernijiet ospitanti li jiżviluppaw approċċi integrati għall-provvista ta' servizzi u l-iżvilupp ta' programmi ta' protezzjoni soċjali kemm għal dawk spustati kif ukoll għall-ospiti tagħhom.
- Jingħata sostenn baġitarju lis-servizzi pubbliċi kif ukoll lil fornituri oħra ta' servizz, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jkunu taħt pressjoni sabiex jiġu kkumplimentati l-azzjonijiet tal-gvern ospitanti u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, kull fejn ikun possibbli.
- Tiġi promossa l-inkorporazzjoni ta' programmi ta' emerġenza f'sistemi ta' protezzjoni soċjali nazzjonali.
- Tiġi promossa u appoġġjata l-estensjoni tas-servizzi tas-sigurtà u tal-ġustizzja lir-refuġjati u lill-persuni spustati bil-forza.

3. KONKLUŻJONI

Minkejja l-isforzi tal-UE, bħala l-akbar donatur globali ta' żvilupp, u l-akbar attur umanitarju, il-kobor u l-kumplessità tal-isfida tal-ispustar bil-forza jitolbu azzjoni ambizzjuża ulterjuri. L-approċċi li jindirizzaw biss il-ħtiġijiet umanitarji immedjati huma inkompatibbli man-natura wiesgħa u estiża tal-ispustar bil-forza. L-assistenza għall-iżvilupp għandha tiġi inkluża sa mill-bida ta' kriżi, mhux biss biex jiġu affaċċjati l-kawżi fl-għeruq iżda wkoll biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' żvilupp ta' dawk spustati u ta' dawk li jospitawhom.

Din il-Komunikazzjoni qiegħda tipproponi approċċ orjentat lejn l-iżvilupp għar-refuġjati, l-IDPs u lil dawk li jospitawhom, b'attenzjoni fuq il-vulnerabbiltajiet u l-ħiliet speċifiċi tagħhom. Hija tintroduċi **reazzjoni b'diversi atturi involuti, inkluż is-settur privat, abbażi ta' evidenza mtejbja ta' dak li jaħdem u dak li ma jaħdimx f'kuntest differenti**. Billi tibni fuq il-pedament ta' tiżiħ qawwi mal-pajjiżi ospitanti, hija ssejjaħ għal sinerġiji akbar bejn l-atturi umanitarji u ta' żvilupp rigward analiżijiet maqsuma, iprogrammar u l-prevedibbiltà u l-flessibbiltà tal-iffinanzjar, inkluż fil-livell lokali, fejn l-aktar jitfaċċaw ir-reazzjonijiet innovattivi. L-għan huwa li tinġieb 'l quddiem **ir-reżiljenza u l-indipendenza** tal-persuni spustati bil-forza permezz ta' edukazzjoni ta' kwalità, aċċess għall-opportunitajiet ekonomiċi u l-protezzjoni soċjali.

Politika tal-UE biex tindirizza l-ispustar bil-forza tkun ta' għajnuna biex tipprevjeni l-frammentazzjoni jew ix-xogħol doppju fir-reazzjoni Ewropea u biex isir akbar użu minn ekonomiji ta' skala potenzjali. Dan jagħmel ir-reazzjoni mill-UE u mill-Istati Membri tagħha aktar koerenti u għalhekk aktar effettiva.

³³ United Nations Relief and Works Agency for Palestine Refugees in the Near East.

Il-Laqgħa Għolja Umanitarja Dinjija, immexxija min-NU f'Mejju 2016 hija opportunità sinifikanti għall-UE u għall-Istati Membri tagħha li jimpenjaw ruħhom ma' atturi oħra **sabiex jiżguraw attenzjoni politika minn kmieni u biex jinbena l-impenn għal approċċ aktar koerenti u ħolistiku biex jiġi ffaċċjat l-ispustar bil-forza. Dan l-impenn għandu jkun ibbażat fuq aġenda strateġika komuni u fuq kooperazzjoni akbar bejn id-donaturi internazzjoanli, il-gvernijiet ospitanti, il-komunitajiet lokali, is-soċjetà ċivili u l-persuni spustati nfushom.**